MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tat-3 ta' Settembru, 2002

Numru 8/2000

**Pulizija**
**Spettur Norbert Ciappara**

**Vs**

**Raymond Bugeja.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Raymond Bugeja  ta’ 30 sena imwieled Melbourne Australia, bin Joseph u Annie nee’ Busuttil residenti Melbourne House,

Triq il-Qaqocc, Zabbar, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ 293583;

Talli fit-28 ta’ Marzu 2000, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mil-pjanta tal-Cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-artikolu 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta. Liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghal uzu esklussiv tieghu.

Wara li semghet il-provi prodotta u ezaminat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz;

U wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat tal-lum;

U wara li rat l-Artikoli 8 tal-Kapitolu 101, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni, ma’ jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-istess imputat hati ta’ kif akkuzat.

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, u minhabba s-serjeta’ ta’ dan il-kaz, temmen illi piena karcerarja ghandha tigi nflitta, pero’ wara li semghet lil Charles Cutajar dwar il-progress ta’ l-imputat fil-kura ta’ kontra d-droga, temmen illi tali piena karcerarja m’ghandhix tkun wahda ezorbitanti.

Ghaldaqstant, waqt li din il-Qorti qeghda ssib lill-imputat hati ta' kif akkuzat, qeghda tinfliggi multa ta mitejn lira maltin (Lm200) tassattiva, biz-zmien erbgha u ghoxrin (24) xahar ghall-pagament, kif ukoll  tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur, li huwa l-minimu impost mill-Qorti, ghaliex il-Qorti hija tal-fehma u ta' l-opinjoni illi dan il-kaz jimmeritha tali trattament, specjalment wara l-assikurazzjonijiet ta' min qed jiehu hsieb illi l-imputat irrisponda b'certu responsabbilita' ghal kura lilu mghotija.

Il-Qorti tordna li testendi s-sentenza sospiza gja menzjonata fl-istess att ta' akkuza ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti hija esplicita fis-sens illi hija qeghda bil-qawwa tirrakomanda illi l-imputat ikompli bil-kura diga mibdija fil-komunita' ta' Santa Marija, liema kura hija r-raguni ghal tali sentenza illum, ghaliex il-Qorti tinstab sodisfatta bil-progress enormi li ghamel l-imputat b'din il-kura.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------